**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**David Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **David Agius**, iben Paul u Josephine nee\` Vella, imwieled il-Pieta nhar l-20 ta' Mejju 1975 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0254975M

Akkużat talli, nhar it-28 ta' Awissu 2021, għal ħabta ta' 07:40hrs ġewwa Ħaż-Żebbuġ biswit iċ-Ċimiterju tal-istess raħal:

1. Waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, ikkaċja jew prova jikkaċja għall-għasafar ċioe Girwiel (Ruff, Calidris pugnax) bi ksur ta' Reg 19(3) ta' L.S. 549.42, li jgħid li l-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art għandha tkun permessa mill-1 ta' Settembru ta' kull sena sal-31 ta' Jannar tas-sena li jkun imiss, minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara li tinżel ix-xemx ta' kull jum mit-Tnejn sas-Sibt, u minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00Hrs), fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi, iżda l-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art mill-15 ta' Settembru sas-7 ta' Ottibru ta' kull sena m'għandhiex issir mit-Tnejn sas-Sibt mis-sebgħa ta' filgħaxija (19:00Hrs) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar fuq l-art, ikkaċja jew prova jikkaċja xi għasfur, ġarr jew prova jġorr munizzjoni jew arma tan-nar barra mill-għata tagħha u dan bi ksur ta' reg 18(1)(a) ta' L.S. 549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur ċioe Girwiel (Ruff, Calidris

Pugnax), li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta’ kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur ta’ Reg 4(1)(a) ta’ L.S. 549.42;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur billi uża metodi, xi tip ta’ metodu projbit bl-istess liġi (xi gass jew apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta’ tisfir irrekordjat minn qabel ta’ għasfar) u dan bi ksur ta’ reg 7(1)(d) ta’ L.S. 549.42;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur billi uża metodi, xi tip ta’ metodu projbit bl-istess liġi (lixki ta’ għasfar protett) u dan bi ksur ta’ Reg 7(1)(i) ta’ L.S.549.42;
6. U aktar talli fl-istess data, ġewwa l-Fond Fiordaliso, Triq il-Madliena, Dingli, żamm arma tan-nar u munizzjoni, liema fond ma kienx dak sepċifikat fejn ikunu se jinżammu dawk l-armi tan-nar u munizzjoni, u li ma żammx l-arma u l-munizzjoni maqfulin b’mod sigur u separat f’dak il-fond u li żamm dik l-arma tan-nar kargata, u dan bi ksur tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Akkużat ukoll talli fl-istess data, ġranet, ġimgħat u xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer ;

7. Kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta’ għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista’ tingħaraf jew derivattivi ta’ xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III u meta dak l-għasfur ma kienx ġie ddikjarat u reġistrat mill-awtorita kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003, u dik il-persuna qiegħda fil-pussess tal-permessi jew ċertifikati ta’ reġistrazzjoni maħruġa mill-awtorita kompetenti għaż-żamma ta’ dak l-għasfur skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 21, jew ikun ġie importat legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Reg 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta’ Reg 4(1)(e) ta’ L.S. 549.42;
8. U aktar talli kien fil-pussess ta’ kwalunke kampjun ta’ għasfur, jew ta’ għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, kemm ħaj jew mejjet, jew parti minn kampjun, skont is-subregolament (1) mingħajr ma żamm fil-pussess tiegħu u għal kull żmien li dam fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor li jipprovaw, għas-sodisfazzjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti bi ksur ta’ reg 6(3) ta’ L.S. 549.42;
9. U aktar talli trasferixxa jew iddispona minn xi għasfur jew għasfur li mhux tat-territorju Ewropew li ġie dikjarat permezz ta’ applikazzjoni mal-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta’ Mejju 2003, mingħajr awtorizazzjoni bil-miktub mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta’ Reg 21(10) ta’ L.S. 549.42.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkonsidrat**
Id-difiża qajmet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, u ilmentat illi wieħed ma jistax joqgħod fuq ir-riferta, li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bħala Dok 1, biex jiddetermina d-data meta ġie notifikat l-imputat minħabba korrezzjoni irregolari li saret fiha. Jirriżulta li l-uffiċjal li qassam din ir-riferta, u ċioe PC333 Ismael Gado, għamel korrezzjoni fid-data tat-tqassim u dan billi l-ewwel kiteb "11/10/2023" imbagħad ħażżeż fuq in-numru "10" u taħtu kiteb in-numru "8."

Il-prosekuzzjoni produċiet bħala xhud lis-Surġent Rohana Chetcuti sabiex tikkjarifika meta kienet lestiet ir-riferta biex titqassam u x'dokumenti kellhom jiġu notifikati lill-imputat u lil PC 333 Ismael Gado. PC333 xehed li huwa kien kiteb id-data "11/10/2023" iżda mill-ewwel induna li kien għamel żball u kien ikkoreġih minnufih quddiem Gisella Agius, li kienet tinsab fl-indirizz indikat fuq ir-riferta. Mistoqsi x'dokument qassam pero ma setax jiftakar.

Wara li ħasbet fit-tul fuq dan il-punt, il-Qorti tqis li r-riferta mmarkata bħala Dok 1 ma tistax titqies bħala prova konvinċenti tad-data meta l-imputat ġie notifikat bl-akkużi kontra tiegħu. Dan mhux biss minħabba l-korrezzjoni li saret fuq din ir-riferta, iżda wkoll minħabba li PC333 ma indikax x'dokumenti kienu qed jitqassmu mar-riferta u ma setax jiftakar eżatt x'kien qassam. Huwa minnu li fuq ir-riferta hemm il-kliem "+ komparixxi" iżda dan ma inkitibx minn PC333 iżda mis-Surġent Chetcuti, u għalhekk ma jikkostitwixix prova illi f'xi waħda mid-dati indikati fuq ir-riferta l-imputat ġie notifikat mhux biss bid-data tas-smigħ quddiem il-Qorti iżda wkoll bl-akkużi. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Renald Micalled** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2022:

> "In-notifika trid tirriżulta b'mod sikur u ma tistax tiġi assunta jew deżunta minn provi mhux sodi jew dikjarazzjonijiet fl-atti mhux sorretti minn evidenza soda."

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, il-Qorti tqis illi r-riferta esebita u mmarkata bħala Dok 1 ma tistax titqies bħala prova suffiċjentement soda illi l-imputat ġie notifikat bl-akkużi mertu ta' dawn il-proċeduri fil-11 ta' Awissu 2023.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti rat illi l-akkuża numru 6 hija punibbli b'massimu ta' sitt xhur priġunerija, u għalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali hija suġġetta għal preskrizzjoni ta' sentejn. Id-data tal-akkuża hija it-28 ta' Awissu 2021 u għalhekk tinsab preskritta. Mhux l-istess jista' jingħad pero fir-rigward tal-bqija tal-akkużi. It-terminu ta' priġunerija massimu għal dawn l-akkużi huwa ta' sena. Għalhekk il-perjodu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' ħames snin kontemplat fl-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali. Peress illi għadhom m'għadewx ħames snin mid-data tal-allegat reat, isegwi li l-bqija tal-akkużi mhumiex milquta bil-preskrizzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara s-sitt akkuża preskritta ai termini tal-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant tillibera lill-imputat minnha, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur